MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Numru.

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Zahra talli fit-2 ta' April 1998 ghall-habta ta' 2.10pm u anke fil-gimghat ta' qabel din id-data fil-garaxx tieghu li jinsab fil-fond 22 Santa Domenica Street, Fontana, Ghawdex, (**1**) kiser il-kundizzjoni tal-licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija billi haddem makkinarju izjed milli ghandu licenzjat, u aktar (**2**) talli hadem sengha li tista' ddejjaq lill-girien jew li tista' tkun kagun ta' rwejjah li jaghmlu hsara lis-sahha jew zamm hwejjeg li kkagunaw ghabra;

Rat is-sentenza preliminari tas-7 ta’ Frar, 2001 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) li permezz taghha dik il-qorti laqghet l-eccezzjoni ta’ l-imputat (illi *“huwa mharrek hazin stante li l-licenzja tal-Pulizija ssejjah lil Zahra Woodworks Ltd u mhux lilu personali”*) u lliberatu mill-ewwel imputazzjoni, izda cahdet dik l-eccezzjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni;

Rat is-sentenza finali tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta’ April, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil George Zahra hati skond it-tieni imputazzjoni (ghax mill-ewwel imputazzjoni kienet diga lliberatu)[1] u kkundannatu multa ta’ hamsin lira (Lm 50);

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-2 ta’ Mejju, 2001 li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza; rat ukoll ir-rikors ta’ George Zahra, minnu presentat fit-3 ta’ Mejju 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-istess sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

F’dan il-kaz hemm zewg appelli: wiehed ta’ l-Avukat Generali u l-iehor ta’ George Zahra. It-tnejn qed jitolbu – b’mod differenti, ovvjament – xi haga fir-rigward tas-sentenza <u>tat-18 ta’ April, 2001</u>. Din il-Qorti ser tibda bl-appell ta’ l-Avukat Generali.

L-Avukat Generali ghandu, bazikament, zewg aggravji: jikkontendi li l-ewwel qorti enuncjat u applikat hazin il-ligi meta lliberat lill-appellat Zahra mill-ewwel imputazzjoni; huwa jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel qorti, flok ma ddecidiet dwar iz-zewg imputazzjonijiet f’sentenza wahda,

---

[1] Ghalkemm il-kopja dattiloskritta (u ffirmata mir-Registratur) tas-sentenza tat-18 tat-18 ta’ April, 2001 li tinsab fl-atti ssemmi, fil-parti tal-bidu taghha, <u>iz-zewg</u> imputazzjonijiet, mill-ahhar erba’ versi (paragrafi) huwa evidenti li dik il-qorti kienet fil-fatt qed tikkunsidra u ssib htija biss dwar it-tieni imputazzjoni. In fatti dawn l-ahhar erba’ versi jaqraw hekk: *“Ikkunsidrat illi mill-provi jirrizulta illi l-imputat verament ghamel dak li hu bih akkuzat u ma hu ta’ ebda beneficcju ghalih li meta l-pulizija marru fuq il-post ma xammew l-ebda riha ta’ spray ghaliex l-<u>akkuza</u> hija wahda cara fejn is-sengha ezercitata <u>tista’ ggib dan l-inkonvenjent</u>. Ghalhekk issibu hati; Rat l-artikoli <u>130(1)</u> u 319 tal-Kap. 10; Tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin lira Maltin (Lm50).”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

iddecidiet dwarhom f'zewg sentenzi separati. Pero` b'dawn iz-zewg aggravji l-Avukat Generali qieghed jidhol f'kuntradizzjoni, ghax jekk il-liberazzjoni mill-ewwel imputazzjoni sehhet permezz tas-sentenza tas-7 ta' Frar, 2001 huwa kellu, se mai, jappella minn dik is-sentenza. Il-pronunzjament ta' l-ewwel qorti tas-7 ta' Frar, 2001 ma kienx digriet interlokutorju kif imfisser fl-Artikolu 415 tal-Kodici Krminali (u dan minkejja dak li hemm registrat fil-verbal ta' l-udjenza tas-7 ta' Frar, 2001, fol. 65), izda sentenza *in parte* li ddisponiet mill-meritu ta' l-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk wara dik is-sentenza kien hemm lok ta' nota da parti tal-Pulizija Ezekuttiva skond l-Artikolu 414(1) ta' l-imsemmi Kodici u rikors ta' appell da parti ta' l-Avukat Generali entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 417(1). Dan kollu, pero`, ma sarx; u ma jistax issa l-Avukat Generali jippretendi li jappella bir-rikors ta' appell tat-2 ta' Mejju, 2001 minn sentenza (tas-7 ta' Frar, 2001) li ghaddiet in gudikat kwazi xaharejn qabel. Minkejja dan, din il-Qorti taghmilha cara li xejn ma taqbel mal-procedura, li gie li tigi addottata mill-Qrati Inferjuri – u li giet addottata f'dan il-kaz – li permezz taghha il-meritu ta' diversi imputazzjonijiet jigu decizi f'sentenzi separati, prassi li assolutament ma taghmilx sens f'kawzi sommarji[2] fejn kollox ghandu jkun indirizzat lejn speditezza u ekonomija tal-gudizzju, u mhux li l-kawza tigi deciza bis-sulluzzu jew bil-pezzi bukkuni b'mod li jitwalu, jew jistghu jitwalu, z-zminijiet!! Ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali ser jigi michud.

Kwantu ghall-appell ta' George Zahra, dan ghandu diversi aggravji li xi whud minnhom bil-kemm jaghmlu sens. Pero` t-tielet aggravju jidher li hu fondat, fis-sens li ma jistax jinghad li f'dan il-kaz jirrizulta sodisfacentement pruvat li fiz-zmien li ghalih tirreferi it-tieni imputazzjoni – it-2 ta' April, 1998 u l-gimghat ta' qabel din id-data – huwa huwa ghamel xoghol ta' *spray painting* (sengha li ghaliha ma kellux il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija – ara d-dokument a fol. 26 – u sengha li certament tista' ddejjaq lill-girien fis-sens ta' l-Artikolu 130(1)[3] tal-Kap. 10). Ir-

[2] Ara *passim* ***Il-Pulizija v. Robert Pace*** App. Krim., 15/12/1999.
[3] Din id-disposizzjoni llum giet abrogata.

referenzi li x-xhud Vincent Galea ghamel ghal "okkazzjonijiet" fejn kien hemm tali spray (ara d-deposizzjoni tieghu quddem il-perit William Cassar Torregiani ta' l-24 ta' Marzu, 1999, fol. 51, u dik quddiem din il-Qorti, fol. 116) huma vagi hafna ghal dak li jirrigwarda data jew dati; anzi proprjament ma jaghti ebda data jew dati, jew xi indikazzjoni ta' tali data jew dati. Ghalhek ma jistax jinghad li jirrizulta sodisfacentement pruvat li sar *spray pianting* mill-appellant Zahra fiz-zmien inkriminat. Konsegwentement l-appell tieghu ser jintlaqa'.

Ghall-motivi premessi, (**1**) tichad l-appell ta' l-Avukat Generali, u (**2**) tilqa' l-appell ta' Goerge Zahra u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-istess Zahra minn kull imputazzjoni, htija w piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------